


Il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea


Rapport Annwali tal-2017

Kawżi ta' ksur ġodda miftuħin fl-2017

Fl-2017, il-Kummissjoni nediet 716-il proċedura ta' ksur ġdida. Dan huwa tnaqqis ta' 27 % meta mqabbel mal-2016 fejn tnedew 986 proċedura ta' ksur. Barra minn hekk, fl-2017 il-Kummissjoni baġtet 275 opinjoni motivata, li huwa inqas mill-292 kawża tal-2016.




Il-graff ta' hawn taħt turi l-oqsma ta' politika ewlenin ikkonċernati.




Kawżi ta' ksur miftuħa fil-31/12/2017 (total)

Fl-aħħar tal-2017, kien hemm total ta' 1 559 kawża ta' ksur miftuħa, tnaqqis ta' 6 % meta mqabbel mal-1 657 kawża fl-2016.

L-ogħla ċifri: Numru totali ta' ksur
 ● Ksur minħabba traspożizzjoni skorretta u/jew applikazzjoni f'ħażina tal-liġijiet tal-UE
 ● Ksur minħabba traspożizzjoni tardiva




Il-graff ta' hawn taħt turi l-oqsma ta' politika ewlenin ikkonċernati.



Kawżi ġodda ta' ksur minħabba traspożizzjoni tardiva¹

L-għadd ta' kawżi dwar traspożizzjoni tardiva naqas b'34 % (558 kawża fl-2017), meta mqabbel ma' 847 fl-2016.



Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE skont l-Artikoli 258 u 260(2) tat-TFUE

Fl-2017, il-Qorti ħarġet 17-il sentenza skont l-Artikolu 258² tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li koll kienu favur il-Kummissjoni. Barra minn hekk, fl-2017 il-Qorti ħarġet sentenza skont l-Artikolu 260(2)³ tat-TFUE li timponi pagament ta' penali għal Spanja⁴.

¹ Kawżi ġodda ta' ksur miftuħa fl-2017 kontra t-28 Stat Membru minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni f'waqtha ta' Direttiva tal-UE fil-liġi nazzjonali.

² Din hija l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

³ Il-kawża tmur lura l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE jekk l-ewwel sentenza tiġi injorata; sentenza tista' timponi pagament ta' somma f'daqqa jew ta' penali.

⁴ Il-Kummissjoni vs Spanja (il-kawża [C-388/16](#) ta' Lulju 2017; pagament ta' somma f'daqqa ta' EUR 3 miljun).